

# Erba' Skrizzjonijiet fil-Kor tal-knisja

*Dun Nikol Aquilina -B.A. Lic.D D.Litt. Dip Mgt Ed*

Min jaf kemm il-darba ħarisna b'ammirazzjoni lejn l-abside barokka tal-knisja tagħna!! Nitgħaxxqu bil-proporzjon ta'dak kollu li jsawwar dan il-ġmiel: il-pittura tat-titular li ħarġet minn idejn Mattia Preti, iż-żewġ kwadri ta' Francesco Zahra, il-pittura fuq il-kwadru tat-titular li tirrappreżenta lill-Missier Etern, iż-żewġt istatwi tal-ġebel, San Pietru u San Pawl ta' l-aħwa Fabri, il-lapida funerarja li tinsab fin-nofs tal-paviment ta' wara l-artal maġġur u preċiżament fuq il-kripta, biex ma nsemmux ukoll il-pitturi fis-saqaf u fuq it-twieqi tal-magħruf pittur Malti Lorenzo Pisani.

Ħafna drabi ma nagħtux każ tal-erba' Skrizzjonijiet li hemm f'dan il-lokal. Jista' jkun b'distrazzjoni jew għax miktuba bil-Latin. Għalhekk tajjeb li nkunu nafu x'fihom.

Biex nibdew minn ta' fuq jiġifieri mill-pittura li tinsab fuq it-titular tgħid :

**Hic semper vivens ad interpellandum pro nobis.**

**Hawnhekk inti tgħix dejjem biex taqbeż għalina**

Din hija silta meħuda mill-Ittra lil-Lhud, preċiżament mill-Kap. 7, 24-25 u naturalment qed tirreferi għal Kristu li wara li temm il-missjoni tiegħu fuq din l-art, issa qiegħed fuq il-leminija tal-Missier bħala avukat tagħna. B'danakollu fl-iskrizzjoni din il-kwotazzjoni qed tirreferi għal San Nikola li hawnhekk (bil-Latin <u>hic</u>) ma jeħdiex jidħol għalina quddiem il-Mulej kif ifakkarna Patri Delia fl-innu lill-Qaddis:

"Inti dejjem waqaft magħna"

Meta niġu għall-kwadru ta' Francesco Zahra fuq ix-xellug, jeħtieġ niftakru li fl-ewwel żminijiet il-Knisja kellha tgħaddi minn martirju intern u estern. Kien hemm nies barra l-Knisja li kienu pagani u idolatri. Fuq quddiem insibu l-Istat jew l-Imperu ta' Ruma, liema stat kien ippersonifikat fil-persuna tal-Imperatur li kien meqjus bħala divin u għalhekk jistħoqqlu kull ġieh bħall-allat. Kull min kien jiċħad dan il-ġieh kien ikollu jħallas qares għalih. U hekk ġralhom l-insara li ma ridux ibaxxu rashom għal din il-liġi.

San Nikola għex fil-qalba tal-persekuzzjoni mqanqla mill-Imperatur Dioklezjanu u l-mexxej ta' warajh fin-naħa tal-Imperu tal-Lvant, Massiminu Daia (309-312).

Il-persunalità u l-ħeġġa ta' San Nikola kienu ċari biżżejjed biex jesponuh fix-xenarju ekkleżjastiku u politiku u għalhekk wieħed jissopponi li kien fil-mira tal-awtoritajiet pubbliċi li ppruvaw isikktuh billi jitfgħu il-ħabs. Dawn it-tattiċi kienu komuni f'dawk iż-żminijiet ta' persekuzzjoni kif għaddiet minnhom il-Knisja fi żminijietna tant li konna




nirreferu għall-Knisja wara l-Purtiera tal-Ħadid bħala l-Knisja tas-Silenzju.

U dment li kien il-ħabs Nikola kellu l-faraġ ta' Ġesù u Marija kif ġie deskritt fuq it-tila mill-Pittur Francesco Zahra u mfissra b'dan il-kliem:

**Mitfugħ il-ħabs, San Nikola kellu l-faraġ ta' Kristu u tal-Verġni Omm Alla: Wieħed tah il-Vanġelu u l-oħra l-omophorion (stola episkopali).**

Faċċata ta'din il-pittura nsibu oħra tal-istess Francesco Zahra li tirrappreżenta lil San Nikola jargumenta u jikkonfuta lil Arju fil-Konċilju ta' Niċea fis-sena 325. Dan is-saċerdot għaref iżda supperv minn Lixandra kien ċaħad id-divinita' ta' Kristu bħala t-Tieni Persuna tat-Trinità Qaddisa. San Nikola mimli ħeġġa u għerf qaddis ried juri lil Arju b'mod konkret kif kien possibbli li jeżistu tlett Persuni f'Alla wieħed u dan għamlu permezz ta' miraklu: qabad maduma , għafasha bejn idejh u minnha ħareġ tlett elementi : nar, ilma u trab kif tgħid l-iskrizzjoni bil-Latin taħt il-kwadru.

**San Nikola fil-Konċilju ta' Niċea**

B'miraklu stqarr it-Trinità Mqaddsa
Billi minn maduma ħareġ nar, ilma u trab.

L-aħħar kitba li nsibu fil-kor hija fin-nofs tal-paviment li hi lapida funerarja f'ġieh it-Teologu Giovann Battista Tonna Mamo. Dan kien bniedem għaref, ġej minn familja sinjura u li wera ġenerożità kbira mal-Knisja tas-Siġġiewi. Il-kitba li oħtu Anna Cassar Tonna hi biżżejjed biex tagħtina ħjiel ta' dak li wettaq ħuha




fil-karriera tiegħu Ekkleżjastika:
Lil Giovann Battista Tonna Mamo
Kanoniku Teologu tal-Knisja Katidrali,
Pro Vigarju ta' Mons. Vinċenz Labini Arċisqof ta' Rodi u isqof ta' Malta fil-Belt Notabili u s-Subborg tagħha,

bniedem marbut b'ħafna rigali ma' San Nikola Arċisqof ta' Myra,
ordna li jindifen mal-Presbiteri ta' din il-Parroċċa
u miet fis-sena tal-grazzja 1796 fil-jum tas-7 ta' Diċembru fl-età ta' 77 sena
oħtu s-Sinjura Anna Cassar Tonna hawnhekk qiegħdet.